



# Ewropa li tipproteġi: Il-ġlieda kontra l-kontenut terroristiku onlajn

#SOTEU

it-12 ta' Settembru 2018


*"Il-Kummissjoni tiegħi tat-priorità lis-sigurtà mill-ewwel ġurnata – it-terroriżmu u l-ġellieda barranin ġew kriminalizzati fl-UE, ittieħdu miżuri ħorox fuq l-użu tal-armi tan-nar u l-finanzjament tat-terroriżmu; ħdimna ma' kumpaniji tal-internet biex titneħħha l-propaganda tat-terroristi minn fuq l-internet u ħdimna kontra r-radikalizzazzjoni fl-iskejjel u l-ħabsijiet Ewropej. Imma għad hemm aktar xi jsir."*

Jean-Claude Juncker, id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016



“

Il-fatt li l-kontenut terroristiku fl-internet għadu preżenti huwa ta' riskju serju għaċ-ċittadini u għas-soċjetà b'mod ġenerali. Il-potenzjal li jikkawża danno huwa aggravat mir-rapidità li jinfirex biha fil-pjattaformi kollha. Bosta mill-attakki terroristiċi riċenti fl-UE wrew kif it-terroristi jużaw l-internet ħażin biex ixerrdu l-messäġġi tagħhom. S'issa, l-approċċ biex titrażżan il-proliferazzjoni ta' kontenut terroristiku onlajn kien ibbażat fuq kooperazzjoni volontarja. Filwaqt li sar progress sinifikanti skont il-Forum tal-UE dwar l-Internet stabbilit fl-2015, huwa ċar li hemm bżonn li jsir aktar biex jiġi żgurat l-impenn tal-pjattaformi tal-internet u tal-awtoritajiet nazzjonali kollha biex l-Ewropej jiġu protetti onlajn u t-terroristi ma jingħatawx l-abbiltà li jifirxu l-propaganda tagħhom onlajn.



Il-Kummissjoni qed tiproponi approċċi ġdid b'regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li meta l-kontenut terroristiku jiġi identifikat:

- dan jitneħħha kmieni u malajr kemm jista' jkun;
- il-pjattaformi onlajn jieħdu miżuri biex jiżguraw li s-servizzi tagħhom ma jkunux jistgħu jintużaw ħażin u li l-kontenut li jitneħħha ma jerġax jittella' x'imkien ieħor;
- id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini għal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni ma jiġux mikṣura.

## X'qed tiproponi l-Kummissjoni?



### REGOLA TA' INTERVENT FL-EWWEL SIEGHÀ

Il-kontenut terroristiku jagħmel l-aktar dannu fl-ewwel sigħat tal-preżenza tiegħu onlajn minħabba r-rapidità li jinfirex biha. Il-Kummissjoni, għalhekk, qed twaqqaf skadenza legalment vinkolanti ta' sieghà biex il-kontenut jitneħħha wara li tkun irċevuta ordni ta' tneħħija mill-awtoritajiet nazzjonali.



### PJATTAFORMI ONLAJN PROTETTI Aħjar

Is-servizzi ta' hosting esposti għal kontenut terroristiku se jkunu obbligati jipproteġu aħjar is-servizz tagħhom u l-utenti tagħhom minn abbuż terroristiku billi jieħdu miżuri proattivi, pereżempju biex jevitaw li jerġa' jittella' l-kontenut terroristiku ladarba jkun tneħħha, inkluż permezz ta' mezzi awtomatizzati. Sabiex jiġi evitat piżżejjed fuq il-kumpaniji, dawn il-miżuri proattivi jridu jkunu proporzjonali mar-riskju u livell ta' esponimenti ta' pjattaformi tal-internet għal kontenut terroristiku.



### ŻIEDA FIL-KOOPERAZZJONI

Il-fornituri ta' servizzi u l-Istati Membri se jkunu mitluba jaħtru punti ta' kuntatt li jkunu aċċessibbli 24/7 biex ikun iffaċilitat is-segwitu ta' ordnijiet ta' tneħħija u indikazzjonijiet. Ir-regoli l-ġodda stabbilew qafas għal kooperazzjoni msaħħha bejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, l-Istati Membri u l-Europol.



### SALVAGWARDJI B'SAĦĦITHOM

Sabiex inaqqsu t-tneħħija bi żball ta' kontenut legali, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting se jkunu meħtieġa jkollhom mekkaniżmi effettivi ta' lment u li jinformati lill-utenti meta l-kontenut tagħhom jitneħħha – sakemm ma jkun hemm raġunijiet sinifikanti ta' sigurt biex dan ma jsirx. Meta jsir użu minn strumenti ta' deteżżjoni awtomatizzati, ikun hemm s-sorveljanza u l-verifikasi umana biex jevitaw tneħħijiet bi żball. Jeħtieġ li l-Istati Membri jiggarrantixx rimedji ġudizzjarji kif ukoll id-dritt li tkun ikkontestata ordni ta' tneħħija.



### ŻIEDA FIT-TRASPARENZA U L-OBLIGU TA' RENDIKONT

Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting se jkollhom jippubblikaw rapporti ta' trasparenza annwali u l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jippreżentaw rendikont annwali tal-azzjonijiet tagħhom biex jgħiġi jnaqqsu l-aċċess għall-kontenut terroristiku onlajn lill-Kummissjoni, li se tistabbilixxi programm għall-monitoraġġ tar-riżultati u l-impatt tar-regoli l-ġodda.



### PIENI ĦOROX

Se jiġu stabiliti pieni effettivi, proporzjonali u dissważi għan-nuqqas ta' konformità ma' ordnijiet li jitneħħha kontenut terroristiku onlajn. F'każ ta' nuqqasijet sistematichi li kontenut terroristiku jitneħħha, il-fornitur ta' servizzi jista' jiffaċċja pieni finanzjarja sa 4% tal-fatturat globali tiegħu għall-aħħar sena kummerċjali.

## Kif taħdem il-proċedura l-ġdida għat-tneħħija ta' kontenut terroristiku onlajn?



1. L-awtorità nazzjonali t-identifika u tagħmel valutazzjoni



2. Jekk jitqies kontenut terroristiku, tinħareġ ordni ta' tneħħija lill-ospitant



3. L-ospitant irid ineħħi l-kontenut fiż-żmien sieghà

● **Dritt ta' kontestazzjoni:** Is-servizz tal-hosting jew il-fornituri ta' kontenut jista' jikkonta l-ordni ta' tneħħija. Jekk l-appell jirnexxi, il-kontenut jerġa' jittella'; jekk l-appell jiġi miċħud jew l-iskadenza tiskadi, l-ordni ta' tneħħija tibqa' u l-kontenut irid jitneħħha b'mod permanenti.

● **Obbligu għar-rapportar:** Jekk tinħariġlu ordni ta' tneħħija, l-ospitant irid jirrapporta dwar miżuri proattivi meħuda biex jindirizza kontenut terroristiku onlajn, tliet xhur wara li jirċievi l-ordni ta' tneħħija.

## Għaliex qed inżidu ħidmietna issa?

Il-kontenut terroristiku għadu qed jiċċirkola onlajn, biex b'hekk jirrappreżenta riskju reali għaċ-ċittadini Ewropej. Pereżempju, madwar 700 dokument ġdid ta' propaganda uffiċjali ta' Da'esh ġew imxerrda biss f'Jannar 2018. Il-fatt li din it-tip ta' propaganda tista' tinfirex rapidament fil-pjattaformi kollha titlob reazzjoni daqstant rapida. Kwalunkwe propaganda li tħejji, tinċita jew tigglorifika atti ta' terroriżmu hija illegali u trid titqiegħed offlajn.



Il-“Bażi ta’ Data tal-Hashes” immedja minn kumpanji fi ħdan il-Forum tal-UE dwar l-Internet fl-2016 tinkludi aktar minn 80,000 hash ta’ vidjows jew immaġni terroristiċi magħrufa.

Aktar minn 60,000 eżempju ta’ kontenut terroristiku onlajn ġew issenjalati mill-2015 mill-Unità ta’ Indikazzjoni ta’ Kontenut fuq l-Internet tal-UE.

Aktar minn 150 kumpanija ġew identifikati li jospitaw kontenut terroristiku skont il-Europol.

## Ir-regoli għal min se japplikaw?



Ladarba adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, ir-regoli l-għodda se japplikaw għall-kumpanji kollha tal-internet li joffru servizzi fl-UE, ikunu fejn ikunu l-kwartieri ġenerali tagħhom u irrispettivament mid-daqs tagħhom.

## Min jagħmel xiex?

### Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting għandhom:

- jistabbilixxu **proċeduri robusti** biex ikunu jistgħu jindirizzaw l-ordnijiet ta’ tneħħija u l-indikazzjonijiet;
- ikollhom **punt ta’ kuntatt deżejnjat** li jintlaħaq 24/7 u li jkun responsabbi għat-tnejha rapida ta’ kontenut (fi żmien siegħa minn meta tiġi rċevuta l-ordni ta’ tneħħija) u għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali;
- jiżguraw li jkun hemm **salvagwardji** – inkluż sorveljanza umana – biex jiġi evitat li jitneħħha kontenut bi żball meta jintużaw strumenti awtomatizzati;
- jistabbilixxu **proċeduri effettivi ta’ l-menti** sabiex l-utenti jkunu jistgħu jikkontestaw il-kontenut li huma jikkunsidraw li tneħħha bi żball;
- **jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali** dwar il-miżuri meħuda biex jitneħħha l-kontenut terroristiku u jevitaw li jiġi ospitat, imtella’ u mtella’ mill-ġdid — fil-każ ta’ kontenut li jinvolvi theddida għas-sikurezza pubblika, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom jiġu informati immedjatamente;
- **fit-termini u l-kundizzjonijiet** agħhom, jistabbilixxu l-politika tagħħom biex jiġi evitat it-tixrid ta’ kontenut terroristiku u jippubblikaw **rapporti ta’ trasparenza** annwali biex jindirizzaw din il-kwistjoni. Dawk affettwati minn kontenut terroristiku għandhom jipprovdu wkoll rapportar lill-Istat Membru rilevanti dwar l-azzjonijiet tagħhom.

### L-Istati Membri għandhom:

- jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbi jkollhom **il-kapaċità** jidentifikaw propaganda terroristika onlajn u joħorġu ordnijiet ta’ tneħħija minnufi jew indikazzjonijiet fejn ikun meħtieġ;
- **jikkoordinaw** ma’ Stati Membri oħra u mal-Europol biex jiżguraw li l-evidenza ta’ kontenut terroristiku onlajn tkun ssenjalata, u li jiġi evitati d-duplikazzjoni u l-interferenza f’investigazzjonijiet internazzjonali;
- jistabbilixxu **proċeduri ta’ appell** xierqa għall-pjattaformi u għall-fornituri ta’ kontenut biex dawn ikunu jistgħu jilmmentaw jekk iqisli li ordni ta’ tneħħija ma tkun x-xiġi;
- jiddeterminaw **il-pieni finanzjarji** għal-pjattaformi onlajn li jinsabu li qed jiksru l-ordnijiet ta’ tneħħija, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha stipulati fil-proposta tal-Kummissjoni.

### Europol għandha...

- **tindika** kontenut terroristiku lill-pjattaformi onlajn;
- **tiffaċilita u tikkoordina** l-indikazzjonijiet u l-ordnijiet ta’ tneħħija, biex tiżgura li tiġi evitata d-duplikazzjoni;
- taġixxi bħala **punt ta’ kuntatt** għall-pjattaformi li mhumiex ċerti dwar liema Stat Membru għandhom jallertaw fir-riġward ta’ evidenza ta’reati terroristiċi;
- tipprovd **appoġġ u konsulenza** esperta kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Print ISBN 978-92-79-92426-2 doi:10.2775/03174 NA-04-18-692-MT-C  
PDF ISBN 978-92-79-92425-5 doi:10.2775/619835 NA-04-18-692-MT-N